31999D0816

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-24 ta' Novembru 1999
li tadatta, bis-saħħa ta' l-Artikoli 16(1) u 42(3), l-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea

(notifikata permezz ta' dokument numru Ċ(1999) 3880)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/816/KE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2408/98 [2], u partikolarment l-Artikolu 16(1) u l-Artikolu 42(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 [3] dwar l-iskart, kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/350/KE [4], u partikolarment l-Artikolu 18 tiegħu,

(1) Billi skond l-Artikolu 42(3) tar-Regolament (KEE) Nru 259/93 l-Annessi II, III u IV kienu ġew adottati biex jirreflettu biss dawk it-tibdiliet diġà miftiehma permezz tal-mekkaniżmu ta' reviżjoni ta' l-OECD.

(2) Billi l-Kunsill ta' l-OECD [5] iddeċieda fil-qafas tal-mekkaniżmu tar-reviżjoni li jimmodifika il-listi ħodor, ambra u ħomor ta' l-iskart.

(3) Billi huwa meħtieġ li jiġu modifikati l-Annessi II, III u IV tar-Regolament biex jirriflettu dawn il-modifiki.

(4) Billi l-Anness V tar-Regolament jikkomprendi fil-parti 3 tiegħu skart mill-Annessi III u IV.

(5) Billi skond l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KEE) Nru 259/93, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 120/97 [6], l-Anness V għandu jkun rivedut u emendat aktar kif xieraq.

(6) Billi hu meħtieġ ukoll li jkun modifikat l-Anness V, il-parti 3 biex jirrefletti l-modifiki deċiżi fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' reviżjoni ta' l-OECD biex jimmodifika l-listi ambra u ħomor ta' l-iskart.

(7) Billi l-Kummissjoni, sabiex tadotta l-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament hija megħjuna f'dan ix-xogħol mill-Kumitat stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar skart, kif emendata.

(8) Billi l-miżuri maħsuba b'din id-Deċiżjoni huma skond il-fehma espressa mill-Kumitat li hu msemmi hawn fuq,

[1] ĠU L 30, tas-6.2.1993, p. 1.
[2] ĠU L 298, tas-7.11.1998, p. 19.
[3] ĠU L 78, tas-26.3.1991, p. 32.
[4] ĠU L 135, tas-6.6.1996, p. 32.
[5] Il-Kunsill OECD, tat-23 ta' Diċembru 1998, Dok. Ref. C(98)202 finali.
[6] ĠU L 22, ta' l-24.1.1997, p. 14.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 259/93 jinbidlu bl-Anness għad-Deċiżjoni preżenti.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Novembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"L-ANNESS II

LISTA ĦADRA TA' L-ISKART (1)

Minħajr ma jingħata każ għal jekk l-iskart huwiex inkluż f'din il-lista jew le, ma jistax jiġi mċaqlaq bħala skart aħdar jekk ikun ikkontaminat b'materjali oħrajn sal-punt li (a) jiżdiedu r-riskji assoċjati ma' l-iskart biżżejjed biex ikun approprjat għall-inklużjoni fil-listi ambra u ħomor, jew (b) jipprevieni l-irkupru ta' skart b'mod ambjentali tajjeb.

GA. SKART TAL-METALLL U TA' LIGI TAL-METALLL F'FORMA METALLIKA, LI MA TIXTERIDX (2)

Dawn li ġejjin huma l-iskart u l-fdal ta' METALLI prezzjużi u l-ligi tagħhom:

GA 010	ex 7112 10	— Tad-deheb
GA 020	ex 7112 20	— Tal-platinum (l-espressjoni 'platinum' tinkudi platinum , *iridium, osmium, palladium, rhodium* u *ruthenium*)
GA 030	ex 7112 90	— Ta' metalll prezzjuż ieħor, eż. l-fidda NB: Il-merkurju huwa speċifikament esklużbħala kontaminant ta' dawn il-METALLI jew il-ligi jew l-amalgami tagħhom.

Li ġejjin huma l-iskart u l-fdal ta' METALLI mhux tal-ħadid u l-ligi tagħhom:

GA 120	7404 00	Il-fdal u l-iskart tar-ramm
GA 130	7503 00	Il-fdal u l-iskart tan-nikel
GA 140	7602 00	Il-fdal u l-iskart ta' l-aluminju
GA 150	ex 7802 00	Il-fdal u l-iskart taċ-ċomb
GA 160	7902 00	Il-fdal u l-iskart taż-żingu
GA 170	8002 10	Il-fdal u l-iskart tal-landa
GA 180	ex 8101 91	Il-fdal u l-iskart tat-*Tungsten*
GA 190	ex 8102 91	Il-fdal u l-iskart tal-*Molybdenum*
GA 200	ex 8103 10	Il-fdal u l-iskart tat-*Tantalum*
GA 210	8104 20	Il-fdal u l-iskart tal-*Magnesium* (esklużi dawk imniżżla f' AA 190)
GA 220	ex 8105 10	Il-fdal u l-iskart tal-*Cobalt*
GA 230	ex 8106 00	Il-fdal u l-iskart tal-*Bismuth*
GA 240	ex 8107 10	Il-fdal u l-iskart tal-*Cadmium*
GA 250	ex 8108 10	Il-fdal u l-iskart tat-*Titanium*
GA 260	ex 8109 10	Il-fdal u l-iskart taż-Żirkonju
GA 270	ex 8110 00	Il-fdal u l-iskart ta' l-Antimonju
GA 280	ex 8111 00	Il-fdal u l-iskart tal-*Manganese*
GA 290	ex 8112 11	Il-fdal u l-iskart tal-Berillju
GA 300	ex 8112 20	Il-fdal u l-iskart tal-Kromju
GA 310	ex 8112 30	Il-fdal u l-iskart tal-*Germanium*
GA 320	ex 8112 40	Il-fdal u l-iskart tal-*Vanadium*
	ex 8112 91	Il-fdal u l-iskart ta':
GA 330		— *Hafnium*
GA 340		— *Indium*
GA 350		— *Niobium*
GA 360		— *Rhenium*
GA 370		— *Gallium*
GA 400	ex 2804 90	Il-fdal u l-iskart tas-*Selenium*
GA 410	ex 2804 50	Il-fdal u l-iskart tat-*Tellurium*
GA 420	ex 2805 30	Il-fdal u l-iskart ta' ħamrija rara

(1) Kull meta possibbli, in-numru kodiċi tas-Sistema ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni Armonizzata tal-Komodità, stabbilita bil-Konvenzjoni ta' Brussel ta' l-14 ta' Ġunju 1983 taħt l-awspiċi tal-Konsill Doganali Kooperattiv (Sistema Armonizzata) hu mniżżel biswit nota. Dan il-kodiċi jista' japplika kemm għall-iskart u għall-prodotti. Dan ir-Regolament ma jinkludix oġġetti li mhumiex skart. Għalhekk, il-kodiċi użata mill-uffiċjali tad-dwana sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri tagħhom kif ukoll minn ohrajn tinghata hawnhekk biss biex tghin fl-identifikazzjoni ta' skart li hu mniżżel u suġġett għal dan ir-Regolament. Madankollu, in-Noti ta' Spjegazzjoni uffiċjali korrispondenti kif maħruġa mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali għandhom jintużaw bħala gwida interpretattiva biex jiġi identifikat skart kopert minn intestaturi ġeneriċi.
L-indikattiv 'ex' jidentifika oġġett speċifiku kontenut f'intestatura tal-kodiċi tas-Sistema Armonizzata.
Il-kodiċi bl-iskur fl-ewwel kolonna hija l-kodiċi OECD: tikkonsisti f'żewġ ittri (waħda għall-lista: Ħadra, Ambra jew Ħamra u waħda għall-kategorija ta' skart: A, B, Ċ…) b'warajhom numru.

(2) 'Li ma jixteridx' ma jinkludix xi skart fil-forma ta' trab, *sludge*, trab jew oġġetti solidi li jikkontienu likwidi magħluqa ta' skart perikoluż.

GA 430	7204	Il-fdal tal-ħadid jew ta' l-azzar
GB. METALLL LI JKOLLU SKART IKKAWŻAT MINN TIDWIB, MILL-FUNDERIJI U MILL-IRFINAR TA' METALLI		
GB 010	2620 11	Żingu iebes mhux pur
GB 020		Żingu li jikkontieni l-irmixk
GB 021		— Żingu ggalvaniżżat ta' blata tal-ħaddieda bl-irmixk fuq (>90 % Zn)
GB 022		— Żingu ggalvaniżżat ta' blata tal-ħaddieda bl-irmixk isfel (>92 % Zn)
GB 023		— Irmixk taż-żingu *die cast* (>85 % Zn)
GB 024		— Irmixk taż-żingu ta' blata galvanizzata *hot—dip* tal-ħaddieda (lott) (>92 % Zn)
GB 025		— Bċejjeċ taż-żingu
GB 030		Bċejjeċ ta' l-aluminju (esklużi dawk li huma infjammabbli jew li jitfgħu, fuq kuntatt bl-ilma, gassijiet fjammabbli fi kwantitajiet perikolużi)
GB 040	ex 2620 90	Gagazza mill-ipproċessar ta' METALLI prezzjużi u mir-ramm għal iktar irfinar
GB 050		*Tantalum* b'gagazza tal-laned b'inqas minn 0,5 % landa
GC. SKART IEĦOR LI JIKKONTIENI METALLI		
GC 010		Assemblaġġi elettriċi li jikkonsistu biss f'METALLI jew ligi
GC 020		Fdal elettroniku (eż. bords taċ-ċirkwiti stampati, komponenti elettroniċi, wajer, eċċ.) u komponenti elettroniċi rikjamati xierqa għall-irkupru ta' metalll vili u prezzjuż
GC 030	ex 8908 00	Bastimenti u strutturi oħrajn li jibqgħu fil-wiċċ għat-tkissir, meta svujtati kif suppost ta' xi merkanzija u materjali oħra kkawżati mill-operazzjoni tal-bastiment li setgħet ġiet ikklassifikata bħala sostanza jew skart perikoluż
GC 040		Tifrik ta' vetturi bil-mutur imbattla mill-likwidu
Kataliżżaturi moħlija esklużi likwidi użati bħala kataliżżaturi		
GC 050		Kataliżżaturi ta' fluwidi katalisti ta' l-ixpakkar (FKI) moħlija (eż. l-ossidju ta' l-aluminju, iż-żeoliti)
GC 060		Kataliżżaturi li jirriżultaw f'metalll moħlija li jikkontienu xi: — METALLI prezzjużi: deheb, fidda. — METALLI tal-grupp tal-platinum : *ruthenium, rhodium, palladium, osmium, iridium, platinum*. — METALLI ta' transizzjoni: *scandium, vanadium, manganese, cobalt, copper, yttrium, niobium, hafnium, tungsten, titanium, chromium, iron, nickel, zinc, zirconium, molybdenum, tantalum, rhenium*. — *Latanidi* (METALLI rari ta' l-art): *lanthanum, praseodymium, samarium, gadolinium, dysprosium, erbium, ytterbium, cerium, neodymium, europium, terbium, holmium, thulium, lutetium*.
GC 070	ex 2619 00	Gagazzi kkawżati mill-fabbrikazzjoni ta' azzri tal-ħadid u tal-karbonju (inkluż azzar ta' liga baxxa) esklużi dawk il-gagazzi li ġew prodotti speċifikament biex jilħqu ħtiġiet u standards internazzjonali kemm nazzjonali u rilevanti [1]
GC 080		*Mill scale* (metalll tal-ħadid)
L-iskart tal-metalll u tal-ligi tal-metalll li ġejjin f'forma METALLIka li tixtered:		
GC 090		Molybdenum
GC 100		*Tungsten*
GC 110		*Tantalum*
GC 120		*Titanium*
GC 130		*Niobium*
GC 140		*Rhenium*
GC 150		Deheb
GC 160		Platinum (l-espressjoni 'platinum' tinkludi platinum , *iridium, osmium, palladium, rhodium* u *ruthenium*)

[1] Din l-nota tkopri l-użu ta' dawn l-i *slags* bħala fonti ta' dijossidu tat-titanju u tal-vanadjum.

GC 170		METALLI prezzjużi oħrajn eż. Fidda *NB: il-merkurju* hu speċifikament eskluż bħala kontaminant ta' dawn il-METALLI u l-ligi jew l-amalgami tagħhom

GD. SKART MINN OPERAZZJONIJIET MINERARJI: DAN L-ISKART GĦANDU JKUN F'FORMA LI MA TIXTERIDX

GD 010	ex 2504 90	Skart naturali tal-grafit
GD 020	ex 2514 00	Skart tal-lavanja, kemm jekk imraqqam fuq fuq jew le, bl-issegar jew mod ieħor
GD 030	2525 30	Skart tal-*Mica*
GD 040	ex 2529 30	Skart tal-*Leucite, nepheline* u *nepheline syenite*
GD 050	ex 2529 10	Skart tal-*Feldspar*
GD 060	ex 2529 21	Skart tal-*Fluospar*
	ex 2529 22	
GD 070	ex 2811 22	Skart tas-*Silica* f'forma solida eskużi dawk użati f'operazzjonijiet ta' funderja

GE. SKART TAL-ĦĠIEĠ F'FORMA LI MA TIXTERIDX

GE 010	ex 7001 00	Ħġieġ miksur jew skart u fdal ieħor ta' ħġieġ ħlif għal ħġieġ minn tubi ta' *cathode ray* u ħġieġ attivat ieħor (bil-kisi)
GE 020		Skart ta' fibra tal-ħġieġ

GF. SKART TAĊ-ĊERAMIKA F'FORMA LI MA TIXTERIDX

GF 010		Skart taċ-ċeramika li nħaraq wara l-iffurmar, inklużi reċipjenti taċ-ċeramika (qabel u/jew wara l-użu)
GF 020	ex 8113 00	Skart u fdal tas-*Cermet* (komposti ta' metall taċ-ċeramika)
GF 030		Fibri bbażati fuq iċ-ċeramika mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor

GG. SKART IEĦOR LI JIKKONTIENI PRINĊIPALMENT KOSTITWENTI INORGANIĊI, LI JISTGĦU JIKKONTIENU METALLI U MATERJALI ORGANIĊI

GG 010		Sulfat tal-kalċju parzjalment irfinat prodott minn desulfuriżżazzjoni ta' *flue gas* (FGD)
GG 020		Bord tal-ġibs jew *wallboard* ta' skart tal-ġipsum ikkawżat mid-demolizzjoni tal-bini
GG 030	ex 2621	Irmied u rmixk tal-qiegħ minn impjanti li jaqbdu bil-faħam
GG 040	ex 2621	Irmied ta' impjanti li jaqbdu bil-faħam
GG 050		*Butts* anodi ta' coka tal-petroleum u/jew tal-bitumenu
GG 060	ex 2803	Karbon attivat moħli li jirriżulta mit-trattament ta' ilma potabbli u mill-proċessi ta' l-industrija ta' l-ikel u l-produzzjoni tal-vitamini
GG 080	ex 2621 00	Irmixk mill-produzzjoni tar-ramm, kimikament stabbiliżżat b'kontenut tal-ħadid għoli ('l fuq minn 20 %) u pproċessat skond l-ispeċifikazzjonijiet industrijali (eż. DIN 4301 u DIN 8201) l-iktar għall-kostruzzjoni u applikazzjonijiet abrażivi
GG 090		Is-sulfur f'forma solida
GG 100		Ġebel tal-ġir mill-produzzjon ta' kalċju ċinamide (b' pH inqas minn 9)
GG 110	ex 2621 00	Tajn aħmar newtraliżżat mill-produzzjoni ta' l-alumina
GG 120		Is-sodju, il-potassju, il-kloridi tal-kalċju
GG 130		Carborundum (*silicon carbide*)
GG 140		Konkos imkisser
GG 150	ex 2620 90	*Lithium-tantalum* u *lithium-niobium* li jikkontienu frak tal-ħġieġ
GG 160		Materjali bituminużi (skart ta' l-asfalt) mill-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tat-toroq, li ma jikkontienux żift

GH. SKART TAL-PLASTIK SOLIDU

LI jinkludi imma mhux limitat għal:

GH 010	3915	Skart, qxur u fdal ta' plastik ta':
GH 011	ex 3915 10	— Polimeri ta' l-*ethylene*
GH 012	ex 3915 20	— Polimeri ta' l-*istyrene*
GH 013	ex 3915 30	— Polimeri tal-klorur tal-vinil
GH 014	ex 3915 90	— Polimeri jew copolimeri, per eżempju: — Polipropilin — *Polyethylene terephthalate* — Kopolimeru ta' l-Acrylonitrile — Kopolimeru tal-*Butadiene* — Kopolimeri ta' l-i *styrene* — Poliamidi — *Polybutylene terephthalates* — Polikarbonati — Sulfidi tal-Polyphenylene — Polimeriakriliċi — Pitrolji (C10 — C13) (1) — Poliuretani (li ma jikkontienux klorofluorokarboni) — Polisiloxalani (silikoni) — Polymethil metharcrylate — Alkoħol tal-polvinil — Butyral tal-polvinil — Aċetat tal-polvinil — Polimeri ta' etilin fluorinat (Teflon, PTFE)
GH 015	ex 3915 90	— Resini jew prodotti ta' kondensazzjoni, per eżempju: — Resini ta' *Urea formaldehyde* — Resini ta' *Phenol formaldehyde* — Resini ta' *Melamine formaldehyde* — Resini *Epoxy* — Resini alkidi — Poliamidi

GI. KARTA, KARTUN U SKART TA' PRODOTTI TAL-KARTI

GI 010	4707	Skart u fdal ta' karta u kartun:
GI 011	4707 10	— Ta' karta jew kartun mhux imbajda jew ta' karta jew kartun immewwġa
GI 012	4707 20	— Ta' karta jew kartun ieħor, l-iktar ta' polpa kimika mbajda, mhux ikkulurita fil-massa
GI 013	4707 30	— Ta' karta jew kartun l-iktar magħmula minn polpa mekkanika (per eżempju, gażżetti, ġurnali u materja simili stampata)
GI 014	4707 90	— Oħrajn, inklużi imma mhux limitati għal: 1. Kartun laminat 2. Skart u fdal mhux organizzat

GJ. SKART TAT– TESSUTI

GJ 010	5003	Skart tal-ħarir (inklużi fosdqi mhux tajbin għat-tkebbib, għall-iskart tas-suf u għal *stock* granat
GJ 011	5003 10	— Mhux mimxut jew ippettnat
GJ 012	5003 90	— Oħrajn
GJ 020	5103	Skart tas-suf jew ta' xagħar ta' l-annimali rqiq jew oħxon, inkluż skart tas-suf imma esklużstock granat
GJ 021	5103 10	— Suf qasir jew xagħar fin ta' l-annimali li jibqa' fil-moxt tat-trixtil
GJ 022	5103 20	— Skart ieħor tas-suf jew ta' xagħar fin ta' l-annimali
GJ 023	5103 30	— Skart ta' xagħar oħxon ta' l-annimali

(1) Dawn ma jistgħux jiġu polimeriżżati u huma użati bħala plastiċiżżanti.

GJ 030	5202	Skart tal-qoton (inkluż skart tas-suf u *stock* granat)
GJ 031	5202 10	— Skart tas-suf (inkluż skart tal-ħajt)
GJ 032	5202 91	— *Stock* granat
GJ 033	5202 99	— Oħrajn
GJ 040	5301 30	Stoppa u skart tal-kittien
GJ 050	ex 5302 90	Stoppa u skart (inkluż skart tas-suf u stock granat) tal-qanneb veru (*Cannabis sativa* L.)
GJ 060	ex 5303 90	Stoppa u skart (inkluż skart tas-suf u stock granat) tal-ġuta u fibri tat-tilju tessuti oħrajn (eskluż il-kittien, il-qanneb veru u r-rami)
GJ 070	ex 5304 90	Stoppa u skart (inkluż skart tas-suq u stock granat) tas-sisal u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave
GJ 080	ex 5305 19	Stoppa, suf qasir li jibqa' fil-moxt tat-trixtil u skart (inkluż skart tas-suf u stock granat) tal-ġewża ta' l-Indi
GJ 090	ex 5305 29	Stoppa, suf qasir li jibqa' fil-moxt tat-trixtil u skart (inkluż skart tas-suf u *stock* granat) ta' l-abaca (hemp tal-*Manila* jew *Musa textilis Nee*)
GJ 100	ex 5305 99	Stoppa, suf qasir li jibqa' fil-moxt tat-trixtil u skart (inkluż skart tas-suf u stock granat) tar-rami u fibri veġetali tat-tessuti oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
GJ 110	5505	Skart (inkluż suf qasir li jibqa' fil-moxt tat-trixtil, skart tas-suf u stock granat) ta' fibri artifiċjali
GJ 111	5505 10	— Ta' fibri sintetiċi
GJ 112	5505 20	— Ta' fibri artifiċjali
GJ 120	6309 00	Ilbies li jintlibes u artikoli milbusa tat-tessuti oħrajn
GJ 130	ex 6310	Biċċiet użati, skart ta' ħajt mibrum, ċwiemi, ħbula u cables u artikoli użati ta' ħajt mibrum u ta' ċwiemi.
GJ 131	ex 6310 10	— Organizzati
GJ 132	ex 6310 90	— Oħrajn
GJ 140	ex 6310	Skart ta' koperturi tat-tessut ta' l-art, twapet
GK. SKART TAL–GOMMA		
GK 010	4004 00	Skart, qxur, u fdal tal-gomma (ta' xort'oħra minn gomma iebsa) u granuli ottenuti minnhom
GK 020	4012 20	Roti prewmatiċi użati
GK 030	ex 4017 00	Skart u fdal ta' gomma iebsa (per eżempju, l-*ebonite*)
GL. SUFRA MHUX TRATTATA U FDAL TA' L-INJAM		
GL 010	ex 4401 30	Skart u fdal ta' l-injam, kemm jekk agglomerat fi zkuk, *briquettes*, pritkuni jew forom simili
GL 020	4501 90	Fdal tas-sufra; sufra magħsura, granulata jew miħuna
GM. SKART IKKAWŻAT MINN INDUSTRIJI TA' IKEL AGRIKOLU		
GM 070	ex 2307	*Lees* ta' l-inbid
GM 080	ex 2308	Skart veġetali niexef u steriliżżat, residwi u prodotti sekondarji, kemm jekk fil-forma ta' pritkuni jew le, ta' xorta użata fl-għalf għall-annimali, mhux speċifikat jew inkluż imkien ieħor
GM 090	1522	*Degras*; residwi li jirriżultaw mit-trattament ta' sostanzi xaħmija jew xama' veġetali jew mill-annimali
GM 100	0506 90	L-iskart ta' għadam u kisi tal-qarnijiet, mhux maħduma, bix-xaħam imneħħi, ippreparati b'mod sempliċi (imma mhux maqtugħa għall-forma) trattati bl-aċidu jew deġelatiniżżati
GM 110	ex 0511 91	L-iskart tal-ħut
GM 120	1802 00	Il-qxur, il-fosdqiet, u l-kisja ta' barra tal-kawkaw u skart ieħor tal-kawkaw
GM 130		L-iskart mill-industrija ta' l-ikel veġetali eskluži prodotti sekondarji li jilħqu ħtiġiet u standards nazzjonali u internazzjonali għall-konsum uman jew ta' l-annimali
GM 140	ex 1500	Skart ta' xaħmijiet jew żjut li jittieklu ta' oriġini veġetali (eż. żjut tal-qali)

GN. SKART IKKAWŻAT MINN OPERAZZJONIJIET TA' KUNZATURA U NEGOZJAR FI ĠLUD TA' L-ANNIMALI U UŻU TAL-ĠILDA

GN 010	ex 0502 00	Skart ta' suf u xagħar tal-majjali, tal-ħnieżer u tal-ħnieżer selvaġġi jew ta' xagħar ta' baġers u xagħar ieħor għall-ixkupilji
GN 020	ex 0503 00	Skart ta' xagħar taż-żwiemel, kemm jekk imqiegħed bħala saff jew le b'materjal ta' sostenn jew mingħajru
GN 030	ex 0505 90	Skart ta' ġlud u partijiet oħra ta' għasafar, bir-rix jew il-pil tagħhom, ta' rix u partijiet tar-rix (kemm bit-truf imraqqma jew le) u pil, mhux maħduma iktar milli mnaddfa, diżinfettati jew trattati għall-preservazzjoni
GN 040	ex 4110 00	Qxur u skart ieħor ta' ġilda jew ta' ħilda ta' komposizzjoni, mhux approprjat għall-fabbrikazzjoni ta' artikoli tal-ġilda, esklużi *sludges* tal-ġilda

GO. SKART IEĦOR LI JIKKONTIENI PRINĊIPALMENT KOSTITWENTI ORGANIĊI, LI JISTGĦU JIKKONTIENU METALLI U MATERJALI INORGANIĊI

GO 010	ex 0501 00	Skart ta' xagħar tal-bniedem
GO 020		Skart tat-tiben
GO 030		*Fungus mycelium* deattivat mill-produzzjoni tal-peniċillina li għandu jiġiuużat bħala għalf għall-annimali
GO 040		Skart ta' film u karta fotografika (inkluż kisi tal-bażi u foto-sensittiv), kemm jekk jikkontieni l-fidda jew le u li ma jikkontienix fidda f'forma jonika ħielsa
GO 050		Kameras ta' użu waħdieni mingħajr batteriji.

L-ANNESS III

LISTA AMBRA TA' L-ISKART (1)

Minkejja jekk l-iskart hu inkluż fuq il-lista jew le, ma jistax jitneħħa bħala skart Ambra jekk hu kkontaminat minn materjali oħra sa l-estent li (a) iżid ir-riskji assoċjati ma' l-iskart biżżejjed biex ikun approprjat għall-inklużjoni fil-lista l-ħamra, jew (b) jipprevieni l-irkupru ta' l-iskart b'mod approprjat għall-ambjent.

AA. SKART TAL-METALLL		
AA 010	ex 2619 00	*Dross*, frak u skart ieħor mill-fabbrikazzjoni tal-ħadid u l-azzar (2)
AA 020	ex 2620 19	Irmied u residwi taż-żingu (2)
AA 030	2620 20	Irmied u residwi taċ-ċomb (2)
AA 040	ex 2620 30	Irmied u residwi tar-ramm (2)
AA 050	ex 2620 40	Irmied u residwi ta' l-aluminju (2)
AA 060	ex 2620 50	Irmied u residwi tal-Vanadium (2)
AA 070	2620 90	Irmied u residwi (2) li jikkontienu metalli jew komposti tal-metalli mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
AA 080	ex 8112 91	Skart, fdal u residwi tat-*Thallium*
AA 090	ex 2804 80	Skart u residwi arseniċi (2)
AA 100	ex 2805 40	Skart u residwi tal-merkurju (2)
AA 110		Residwi mill-produzzjoni ta' l-alumina mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
AA 120		*Sludges* galvaniċi
AA 130		Likuri mill-*pickling* ta' metalli
AA 140		Residwi mill-irmied mill-ipproċessar taċ-ċingu, *duts* u *sludges* bħall-ġarosite, il-*hernatite*, il-*goethite*, eċċ.
AA 150		METALLI prezzjużi li jkollhom residwi f'forma solida li jikkontienu traċċi ta' *cyanidi* inorganiċi
AA 160		Irmied, *sludge*, trab u residwi oħra ta' metall prezzjuż bħal:
AA 161		— Irmied mill-ħruq ta' bord taċ-ċirkwiti stampati
AA 162		— Irmied minn film fotografiku
AA 170		Batteriji ta' aċidu taċ-ċomb, sħaħ jew magħsura
AA 180		Batteriji jew akkumulaturi użati, sħaħ jew magħsura, ta' xort'oħra minn batteriji ta' aċidu taċ-ċomb, skart u fdal ikkawżat mill-produzzjoni ta' batteriji u akkumulaturi, mhux speċifikati jew inklużi mod ieħor
AA 190	8104 20	Skart u fdal tal-magnesju li hu infjammabbli, forforiku jew li jħalli gassijiet fjammabbli fi kwantitajiet perikoluż meta jagħmel kuntatt ma' l-ilma
AB. SKART LI JIKKONTIENI KOSTITWENTI PRINĊIPALMENT INORGANIĊI, LI JISTGĦU JIKKONTIENU METALLI U MATERJALI INORGANIĊI		
AB 010	2621 00	*Slag*, irmied u residwi (2), mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
AB 020		Residwi kkawżati mill-kombustjoni ta' skart muniċipali/mid-djar
AB 030		Skart minn sistemi ta' bażi *non-cyanide* ikkawżat minn trattament fil-wiċċ ta' metalli
AB 040	ex 7001 00	Skart tal-ħġieġ minn tubi *cathode-ray* u ħġieġ attivat ieħor
AB 050	ex 2529 21	*Calcium fluoride sludge*
AB 060		Komposti inorganiċi fluworini oħrajn fil-forma ta' likwidi jew *sludges*
AB 070		Ramel użat f'operazzjonijiet ta' funderija
AB 080		Katalizzaturi użati mhux fuq il-lista l-ħadra
AB 090		Skart ta' idrati ta' l-aluminju
AB 100		Skart ta' l-alumina
AB 110		Soluzzjonijiet bażiċi
AB 120		Komposti alidi inorganiċi, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor

(1) Kull meta possibbli, in-numru tal-kodiċi tas-Sistema tad-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Komodità u tal-Kodifikazzjoni, stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Brussel ta' l-14 ta' Ġunju 1983 taħt l-awspiċi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali (Sistema Armonizzata) hu mniżżel biswit nota. Dan il-kodiċi jista' japplika kemm għall-iskart u għall-prodotti. Dan ir-Regolament ma jinkludix oġġetti li mhumiex skart. Għalhekk, il-kodiċi użata mill-uffiċjali tad-dwana sabiex tiffaċilita l-proċeduri tagħhom kif ukoll minn oħrajn hija biss ipprovduta hawnhekk biex tgħin bl-identifikazzjoni ta' skart li hu mniżżel u suġġett għal dan ir-Regolament. Madankollu, Noti ta' Spjegazzjoni korrispondenti uffiċjali kif maħruġa mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali għandhom jintużaw bħala gwida ta' interpretazzjoni biex jidentifikaw skart kopert minn intestaturi ġeneriċi.
L-'ex' indikattiv jidentifika oġġett speċifiku kontenut fl-intestatura tal-kodiċi tas-Sistema Armonizzata.
Il-kodiċi bl-iskur fl-ewwel kolonna huwa l-kodiċi OECD: jikkonsisti f'żewġ ittri (waħda għall-lista: Ħadra, Ambra jew Ħamra, u waħda għl-kategorija ta' skart A, B, Ċ….) b'warajhom ittra.

(2) Din l-nota tinkludi skart fil-forma ta' rmied, residwi, *slag*, *dross*, *skimming*, frak, trab, trab tat-terra, *sludge* u tajn maghqud, sakemm materjal iehor ma jkunx espressament iskritt imkien iehor.

AB 130		Bl-użu ta' naqal tal-*blasting*
AB 140		Ġipsum ikkawżat minn proċessi kimiċi industrijali
AB 150		*Calcium sulphite* mhux irfinut u sulfat tal-kalċju minn desulfuriżżazzjoni ta' *flue gas* (FGD)
AC. SKART LI JIKKONTIENI KOSTITWENTI PRINĊIPALMENT INORGANIĊI LI JISTGĦU JIKKONTIENU METALLI U MATERJALI INORGANIĊI		
AC 010	ex 2713 90	Skart mill-produzzjoni/l-ipproċessar ta' koka tal-*petroleum* u tal-bitumenu, esklużi *anode butts*
AC 020		Materjali bituminużi (skart ta' l-asfalt) mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
AC 030		Żjut ta' skart mhux tajbin għall-użu oriġinali intiż tagħhom
AC 040		*Sludges* ta' petrol biċ-ċomb (gasolina)
AC 050		Fluwidi termali (li jitrasferixxu s-sħana)
AC 060		Fluwidi idrawliċi
AC 070		Fluwidi tal-brejkijiet
AC 080		Fluwidi li ma jiffriżawx
AC 090		Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' resini, latex, plastiċizzanti, gloj u adesivi
AC 100	ex 3915 90	Nitroċellulosi
AC 110		Fenoli, komposti tal-fenoli inkluż il-klorofenol fil-forma ta' likwidi jew *sludges*
AC 120		Naftalini poloklorinati
AC 130		Eteri
AC 140		*Triethylamine catalyst* biex jiġi stabbilit ramel tal-funderiji
AC 150		Klorofluorokarboni
AC 160		*Halons*
AC 170		Skart ta' sufra trattat u ta' l-injam
AC 180	ex 4110 00	Trab mill-ġilda, mill-irmied, *sludges* u dqiq
AC 190		Residwi mit-tħin mill-vetturi (frazzjoni ħafifa)
AC 200		Komposti fosforiċi organiċi
AC 210		Solventi mhux aloġeniżżati
AC 220		Solventi aloġeniżżati
AC 230		Residwi ta' distillazzjoni mhux likwida aloġeniżżata jew mhux aloġeniżżata kkawżati minn operazzjonijiet ta' rkupru ta' solventi organiċi
AC 240		Skart ikkawżat mill-produzzjoni ta' idrokarboni alifatiċi aloġeniżżati (bħall-klorometani, dikloro-etani, *vinyl chloride, vinylidene chloride, allyl chloride* u *pichlorhyidrin*)
AC 250		Aġenti attivi fil-wiċċ (*suractants*)
AC 260		Demel likwidu tal-majjali; ħmieġ
AC 270		*Sludge* tad-drenaġġ
AD. SKART LI JISTA' JIKKONTIENI KOSTITWENTI INORGANIĊI JEW ORGANIĊI		
AD 010		Skart mill-produzzjoni u l-preparazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi
AD 020		Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' bijoċidi u pitofarmaċewtiċi
AD 030		Skart mill-fabbrikazzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' kimiċi li jippreservaw l-injam
		Skart li jikkontieni, jikkonsisti minn jew hu kkontaminat b'xi wieħed minn dawn li ġejjin:

AD 040		— *Cyanides* inorganiċi, ħlief residwi li jipproduċu metalli prezzjużi f'forma solida li jikkontienu traċċi ta' *cyanides* inorganiċi
AD 050		— *Cyanides* organiċi
AD 060		Skart ta' żjut/ilma, idrokarboni/taħlit ta' ilma, emulsjonijiet
AD 070		Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' linki, żebgħat tal-kulur, pigmenti, żebgħat, lakuri, verniċ
AD 080		Skart ta' natura esplożiva, meta mhux suġġett għal leġislazzjoni oħra speċifika
AD 090		Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' kimiċi reprografiċi u fotografiċi u materjali mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
AD 100		Skart minn sistemi ta' bażi *non-cyanide* li huma kkawżati minn trattament ta' plastiċi fil-wiċċ
AD 110		Soluzzjonijiet ta' l-aċidu
AD 120		Resini skambjabbli tal-ionji
AD 130		Kameras ta' użu singolu bil-batteriji
AD 140		Skart minn strumenti ta' kontroll ta' tniġġiż industrijali għat-tindif ta' *off-gases* industrijali, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor
AD 150		Materjal ta' oriġini organika naturali użat bħala medja ta' filtru (bħal biofiltri)
AD 160		Skart muniċipali/tad-djar
AD 170	ex 2803	Karbon attivat użat li jkollu karatteristiċi ta' perikolu u li jirriżulta mill-użu tiegħu fl-industrija tal-prodotti kimiċi inorganiċi u organiċi, fl-industrija farmaċewtika, fit-trattament ta' l-ilma użat, fil-proċessi tat-tindif tal-gass/l-arja u f'applikazzjonijiet simili

L-ANNESS IV

LISTA ĦAMRA TA' L-ISKART

'Li jikkontieni' jew 'kontaminat b", meta użat f'din il-lista, ifissru li s-sustanza msemmija hi daqshekk preżenti li (a) tagħmel l-iskart perikoluż jew (b) is-sustanza, tkunx xierqa għal sottomissjoni għal operazzjoni ta' rkupru.

RA. SKART LI JIKKONTIENI PRINĊIPALMENT KOSTITWENTI ORGANIĊI, LI JISTGĦU JIKKONTIENU METALLI U MATERJALI INORGANIĊI

RA 010 Sostanzi u artikoli ta' skart li jikkontienu, jikkonsistu jew huma kkontaminati *b'polychlorinated byphenyl* (PCB) u/jew *polychlorinated terphenyl* (PCT) u/jew *polybrominated biphenyl* (PBB), inklużi xi analogi polibrominati ta' dawn il-komposti, b'livell ta' konċentrazzjoni ta' 50 mg/kg jew iktar

RA 020 Skart ta' residwi tal-qatran (esklużi dawk iskritti f'AC020) ikkawżat mill-irfinar, mid-distillazzjoni u minn xi trattament pirolitiku ta' materjali organiċi

RB. SKART LI JIKKONTIENI PRINĊIPALMENT KOSTITWENTI INORGANIĊI, LI JISTGĦU JIKKONTIENU METALLI U MATERJALI ORGANIĊI

RB 010 *Asbestos* (trab u fibri)

RB 020 Fibri ta' bażi taċ-ċeramika ta' karatteristiċi fiżiko-kimiċi simili għal dawk ta' l-*asbestos*

RC. SKART LI JISTA' JIKKONTIENI JEW KOSTITWENTI INORGANIĊI JEW ORGANIĊI

Skart li jikkontieni, jikkonsisti jew hu kkontaminat b'li ġej:

RC 010 — Kull *congenor* ta' *dibenzo—furan* poliklorinat

RC 020 — Kull *congenor* ta' *dibenzo—dioxin* poliklorinat

RC 030 *Sludges* komposti *anti—knock* taċ-ċomb

RC 040 Perossidi ta' xort'oħra minn perossidu ta' l-idroġenu

L-ANNESS V

NOTI TA' INTRODUZZJONI

1. L-Anness V għandu jkun applikabbli mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 75/442/KEE, kif emendata bid-Direttiva 91/156/KEE, u d-Direttiva 91/689/KEE.

2. Dan l-Anness jikkonsisti fi tliet taqsimiet, li bihom il-Parti 2 u 3 huma applikabbli biss meta il-parti 1 ma tkunx applikabbli. Minħabba f'hekk, biex ikun iddeterminat jekk skart ikunx kopert bl-Anness V tar-Regolament (KEE) Nru 259/93, l-ewwel irid ikun ivverifikat jekk l-iskart ikunx jidher fil-Parti 1 ta' l-Anness V, jekk dan ma jkunx il-każ, jekk ikunx jidher fil-Parti 2, u jekk dan ma jkunx il-każ jekk ikunx jidher fil-Parti 3.

   Il-Parti 1 hija maqsuma f'żewġ suddiviżjonijiet: Lista A li tagħti dettalji ta' l-iskart li huwa klassifikat bħala perikoluż għall-iskopijiet tal-Konvenzjoni ta' Basel u għalhekk huwa kopert bi projbizzjoni fuq l-esportazzjoni u Lista B tagħti dettalji dwar skart li mhuwiex kopert bi projbizzjoni fuq l-esportazzjoni.

   Għalhekk, jekk skart ikun jidher fil-Parti 1, wieħed irid jivverifika jekk dan ikunx jidher fil-Lista A jew fil-Lista B. Ikun biss jekk l-iskart ma jkunx jidher la fil-Lista A u anqas fil-Lista B tal-Parti 1, li wieħed irid jivverifika jekk dan ikunx jidher fil-Parti 2 jew 3 u jekk dan ikun il-każ jekk ikunx kopert bi projbizzjoni ta' l-esportazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet, f'każi eċċezzjonali, biex jiddeterminaw, fuq il-bażi ta' evidenza dokumentali li tkun mogħtija b'mod xieraq mid-detentur, li skart speċifiku f'dan l-Anness ikun esklużmill-projbizzjoni dwar l-esportazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KEE) Nru 259/93 kif emendat, jekk dan (l-iskart) ma jkunx juri l-proprjetajiet imniżla fl-Anness III tad-Direttiva 91/689/KEE, billi jkun ikkunsidrat, f'dak li għandu x'jaqsam ma' H3 sa H8 ta' l-imsemmi l-Anness, il-limiti tal-valuri provduti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE [1].

   F'dan il-każ, l-Istat Membru konċernat għandu jinforma il-pajjiz maħsub għall-importazzjoni qabel ma jieħu deċiżjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw każijiet bħal dawn lill-Kummissjoni qabel l-aħħar ta' kull sena kalendarja. Il-Kummissjoni għandha twassal l-informazzjoni lill-Istati Membri kollha u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Basel. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta, il-Kummissjoni tista' tgħaddi kummenti u, fejn xieraq, tissottometti proposti lill-Kumitat stabbiliti bis-saħħa ta' l-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE bil-għan li jkun adottat l-Anness V tar-Regolament (KEE) Nru 259/93.

4. Il-fatt li skart ma jkunx imniżżel f'dan l-Anness, jew li jkun imniżżel fil-Parti 1, Lista B, ma jipprekludix, f'każijiet eċċezjonali, il-karatterizzazzjoni ta' skart bħal dak bħala perikoluż u għahekk suġġett għal projbizzjoni ta' l-esportazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KEE) Nru 259/93 kif emendat, jekk juru wħud mill-proprjetajiet imniżżla fl-Anness III tad-Direttiva 91/689/KEE, billi jiġi kkunsidrat, f'dak li għandu x'jaqsam ma H3 sa H8 ta' l-imsemmi l-Anness, il-limiti tal-valuri provduti fid-Deċiżjoni 94/904/KE, kif hemm dispożizzjoni dwar dan fl-Artikolu 1(4), tieni paragrafu, tad-Direttiva 91/689/KEE u fl-Intestatura ta' l-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 259/93.

   F'dan il-każ, l-Istat Membru konċernat għandu jinforma il-pajjiż maħsub għall-importazzjoni qabel ma jieħu deċiżjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw każijiet bħal dawn lill-Kummissjoni qabel l-aħħar ta' kull sena kalendarja. Il-Kummissjoni għandha twassal l-informazzjoni lill-Istati Membri kollha u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Basel. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta, il-Kummissjoni tista' tgħaddi kummenti u, fejn xieraq, tissottometti proposti lill-Kumitat stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE bil-għan li jkun adottat l-Anness V tar-Regolament (KEE) Nru 259/93;

IL-PARTI 1

Lista A (L-Anness VIII mal-Konvenzjoni ta' Basel)

A1. Skart u prodotti li jinkludu skart li jikkontienu l-metall

A1010 Skart tal-metall u skart li jikkonsisti f'ligi minn dawn li ġejjin:
— Antimonju
— Arseniku
— Berillju
— Kadmju
— Ċomb
— Merkurju
— Selenium
— Tellurjum
— Tallium
imma esklużdak l-iskart speċifikament iskritt fil-lista B

A1020 Skart li jkollu bħala kostitwenti jew kontaminanti, eskluż skart tal-metall f'forma massiva, xi wieħed milli ġejjin:
— Antimonju; komposti ta' l-antimonju
— Berillju; komposti tal-berillju
— Kadmju; komposti tal-kadmju
— Ċomb; komposti taċ-ċomb
— *Selenium*; komposti tas-*selenium*
— Tellurju; komposti tat-tellurju

A1030 Skart li jkollu bħala kostitwenti jew kontaminanti xi ħaġa milli ġej:
— arseniku; komposti ta' l-arseniku
— merkurju; komposti tal-merkurju
— *Thallium*; komposti tat-*thallium*

A1040 Skart li jkollu bħala kostitwenti xi ħaġa milli ġej:
— *Carbonyls* tal-metall
— Komposti Hexavalent tal-kromju

A1050 *Sludges* galvaniċi

A1060 Skart tal-likuri mill-*pickling* tal-metalli

A1070 Residwi mill-irmied mill-ipproċessar taż-żingu, mit-trab u mis-*sludges* bħall-ġarosite u l-ernatite, eċċ.

A1080 Skart tar-residwi biż-żingu mhux inklużi fil-Lista B, li jikkontienu ċomb u kadmju f'konċentrazzjonijiet suffiċjenti biex jeżibixxu karatteristiċi mill-Anness III

A1090 Irmied mill-ħruq ta' wajer tar-ramm protett

A1100 Trabijiet u residwi minn sistemi ta' tindif tal-gass minn tidwib tar-ramm

A1110 Soluzzjonijiet elettrolitiċi użati minn elettro-rfinar mir-ramm u minn operazzjonijiet għall-irkupru ta' l-elettriku

A1120 Skart minn *sludges*, eskluži *anode slimes*, minn sistemi ta' purifikazzjoni elettroliti f'elettro-rfinar tar-ramm u f'operazzjonijiet għall-irkupru ta' l-elettriku

A1130 Soluzzjonijiet ta' inċiżjoni użati li jikkontienu ramm maħlul

A1140 Skart minn klorur tal-*cupric* u minn katalizzaturi ta' *cyanide* tar-ramm

A1150 Irmied minn metall prezzjuż mill-ħruq ta' *circuit boards* stampati mhux inkluża fil-Lista B ([1])

A1160 Skart minn batteriji ta' ċomb — aċidu, sħaħ jew magħsura

A1170 Batteriji għall-iskart mhux organizzati eskluži taħlitiet minn batteriji tal-Lista B biss. Batteriji għall-iskart mhux speċifikati fuq il-Lista B li jikkontienu kostitwenti mill-Anness A biżżejjed biex ikunu perikoluži

A1180 Skart jew fdal minn assemblaġġi elettriċi u elettroniċi ([2]) li jikkontienu komponenti bħal akkumulaturi u batteriji oħrajn inklużi fuq il-Lista A, swiċċijiet tal-merkurju, ħġieġ minn tubi *cathode—ray* u ħġieġ attivat ieħor u kapaċitaturi PCB, jew kontaminati b'kostitwenti mill-Anness I (eż. kadmju, merkurju, ċomb, bifenil poliklorinat) sakemm jippossiedu xi karatteristiċi kontenuti fl-Anness III (nota li għandha x'taqsam ma l-nota fil-Lista B, B1110) ([3])

A2. Skart li jikkontieni prinċipalment kostitwenti inorganiċi, li jikkontienu metalli u materjali organiċi

A2010 Skart tal-ħġieġ minn tubi *cathode—ray* u ħġejjeġ attivati oħrajn

A2020 Skart ta' komposti inorganiċi fluworini fil-forma ta' likwidi jew *sludges* imma eskluż dak l-iksart speċifikat fuq il-Lista B

A2030 Skart ta' kataliżżaturi imma eskluż dak l-iskart speċifikat fuq il-Lista B

A2040 Skart tal-ġipsum ikkawżat minn proċessi kimiċi industrijali, meta jikkontienu kostitwenti ta' l-Anness I sakemm jeżibixxu xi karatteristiċi perikoluži mill-Anness III (nota relatata ma' l-nota fuq il-Lista B, B2080)

A2050 Skart ta' l-*asbestos* (trab u fibri)

2060 Irmied volatili minn impjant operat bil-faħam li jikkontieni sustanzi mill-Anness I f'konċentrazzjonijiet suffiċjenti biex jeżibixxu karatteristiċi mill-Anness III (nota li hi relatata għall-nota fuq il-Lista B, B2050)

([1]) Nota simili fil-Lista B (B1160) ma tispeċifikawx eċċezzjonijiet.

([2]) Din in-nota ma tinkludix fdal ta' assemblaġġi mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.

([3]) PCBs huma f'livell ta' konċentrazzjoni ta' 50 mg/kg jew iktar.

A3. Skart li jikkontieni kostitwenti prinċipalment organiċi, li jistgħu jikkontienu metalli u materjali inorganiċi

A3010 Skart mill-produzzjoni jew mill-ipproċessar ta' coka tal-*petroleum* u tal-bitumenu

A3020 Skart ta' żjut minerali mhux tajjeb għall-użu maħsub oriġinali tagħhom

A3030 Skart li jikkontieni, jikkonsisti jew hu kkontaminat bi *sludges* taċ-ċomb *anti—knock* komposti

A3040 Fluwidi ta' skart termali (trasferiment tas-sħana)

A3050 Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' resini, *latex*, plastiċiżżanti, gloj/adeżivi eskluż dak l-iskart speċifikat fuq il-Lista B (nota rrelatata fil-Lista B, B4020)

A3060 Skart tan-nitroċellulosa

A3070 Skart ta' fenoli, komposti ta' fenoli inkluż klorofenol fil-forma ta' likwidi jew *sludges*

A3080 Skart ta' eteri mhux inklużi dawk speċifikati fil-Lista B

A3090 Skart ta' trab tal-ġilda, irmied, *sludges* u dqiq meta jikkontienu komposti *hexavalent* tal-kromju jew bijoċidi (nota relatata fil-Lista B, B3100)

A3100 Skart tal-qxur u skart ieħor tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda mhux tajjeb għall-fabbrikazzjoni ta' artikoli tal-ġilda li jikkontienu komposti *hexavalent* tal-kromju jew bijoċidi (nota relatata mal-lista B, 3090)

A3110 Skart minn negozjar fil-ġilda li jikkontieni komposti *hexavalent* tal-kromju jew bijoċidi jew sustanzi ta' nfezzjoni (nota relatata fil-Lista B, 3110)

A3120 Residwi mit-tqattigħ

A3130 Skart minn komposti fosforiċi organiċi

A3140 Skart minn solventi organiċi non-aloġeniżżati imma eskluż dak l-iskart speċifikat fil-Lista B

A3150 Skart minn solventi organiċi aloġeniżżati

A3160 Skart minn residwi ta' distillazzjoni mhux likwida aloġeniżżati u mhux aloġeniżżati kkawżat minn operazzjonijiet ta' rkupru ta' solventi organiċi

A3170 Skart ikkawżat mill-produzzjoni ta' idrokarboni aloġeniżżati alifatiċi (bħall-klorometan, id-dichloroetan, il-klorur tal-vinil, il-klorur tal-vinilidin, *allyl chloride* u *epichlorhydrin*)

A3180 Skart, sustanzi u artikoli li jikkontienu, jikkonsistu minn jew kontaminati bil-bifenil poliklorinat (PCB), bit-terfenil poliklorinat (PCT), bin-naftalina poliklorinata (PCN) jew bil-bifenil polibrominat (PBB), jew xi analogi polibrominati ta' dawn komposti, f'livell ta' konċentrazzjoni ta' 50 mg/kg jew iktar [1]

A3190 Skart mir-residwi tal-qatran (eskluż ċiment ta' l-asfalt) ikkawżat mill-irfinar mid-distillazzjoni u mit-trattament pirolitiku ta' materjali organiċi

A4. Skart li jista' jikkontieni kostitwenti jew inorganiċi jew organiċi

A4010 Skart mill-produzzjoni, mill-preparazzjoni u mill-użu ta' prodotti farmaċewtiċi imma eskluż dak l-iskart speċifikat fuq il-Lista B

A4020 Skart kliniku u relatat; jiġifieri skart ikkawżat minn prattiċi mediċi, ta' infermerija, dentali, veterinarji jew prattiċi simili, u skart ġenerat fi sptarijiet jew faċilitajiet oħrajn tul l-investigazzjoni jew it-trattament ta' pazjenti, jew proġetti ta' riċerka

A4030 Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' bijoċidi u pitofarmaċewtiċi, inkluż skart minn pestiċidi u erbiċidi li huma *off* — speċifikazzjoni, skaduti [2], jew mhux tajbin għall-użu oriġinali intiż tagħhom

A4040 Skart mill-fabbrikazzjoni, mill-formolazzjoni u mill-użu ta' kimiċi li jippreservaw l-injam [3]

A4050 Skart li jikkontieni, jikkonsisti minn jew hu kkontaminat b'xi wieħed milli ġejjin:
— *Cyanides* inorganiċi, ħlief residwi minn metalli prezzjużi f'forma solida li tikkontieni traċċi ta' *cyanides* inorganiċi
— *Cyanides* organiċi

---

[1] Il-livell 50 mg/kg hu kkunsidrat livell internazzjonalment prattiku għall-iskart kollu. Madankollu, ħafna pajjiżi individwali stabbilixxew livelli regulatorji iktar baxxi (eż. 20 mg/kg) għal skart speċifiku.

[2] 'Skadut' ifisser mhuż użat fil-perjodu rakkomandat mill-fabbrikant.

[3] Din in-nota ma tinkludix injam trattat b'kimika li tippreserva l-injam.

A4060 Skart ta' żjut/ilma, taħlitiet ta' ilma/karboni, emulsjonijiet

A4070 Skart mill-produzzjoni, mill-formulazzjoni u mill-użu ta' linki, żebgħat tal-kulur, pigmenti, żebgħat, lakuri, vernić eskluż xi skart speċifikat fuq il-Lista B (nota relatata fil-Lista B, B4010)

A4080 Skart ta' natura esplożiva (imma eskluż dak l-iskart speċifikat fil-Lista B)

A4090 Skart ta' soluzzjonijiet ta' aċidu jew bażiku, ta' xorta'oħra minn dawk speċifikati fin-nota korrispondenti fil-Lista B (nota relatata fil-Lista B, B2120)

A4100 Skart minn strumenti ta' tniġġiż industrijali għat-tindif ta' *off-gases* industrijali imma eskluż dak l-iskart speċifikat fil-Lista B

A4110 Skart li jikkontieni, jikkonsisti jew hu kkontaminat b'xi wieħed minn dawn li ġejjin:
— xi *congenor* ta' *dibenzo—furan* poliklorinat
— xi *congenor* ta' *dibenzo—dioxin* poliklorinat

A4120 Skart li jikkontieni, jikkonsisti minn jew hu kkontaminat bil-perossidi

A4130 Imballaġġi u konteniturі ta' skart li jikkontienu sustanzi mill-Anness I f'konċentrazzjonijiet biżżejjed biex jeżibixxu karatteristiċi perikoluży ta' l-Anness III

A4140 Skart li jikkonsisti minn jew li jikkontieni kimiċi *off* — speċifikazzjoni jew skaduti [1] li jikkorrispondu għal kategoriji ta' l-Anness I u li jeżibixxu karatteristiċi perikoluży ta' l-Anness III

A4150 Skart ta' sostanzi kimiċi kkawżati minn attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jew tagħlim li mhumiex identifikati u/jew huma ġodda u li l-effetti tagħhom fuq is-saħħa umana u/jew l-ambjent mhumiex magħrufa

A4160 Karbon attivat użat mhux inkluż fil-Lista B (nota relatata fil-Lista B, B2060)

Lista B (L-Anness IX għall-Konvenzjoni ta' Basel)

B1. Metalli u prodotti ta' skart li jikkontienu l-metalli

B1010 Skart tal-metall u ta' ligi tal-metall f'forma metallika jew li ma tixteridx:
— Metalli prezzjużi (deheb, fidda, il-grupp tal-platinu, imma mhux il-merkurju)
— Fdal tal-ħadid u ta' l-azzar
— Fdal tar-ramm
— Fdal tan-nikel
— Fdal ta' l-aluminju
— Fdal taż-żingu
— Fdal tal-landa
— Fdal tat-*Tungsten*
— Fdal tal-*Molybdenum*
— Fdal tat-*Tantalum*
— Fdal tal-Magnesium
— Fdal tal-*Cobalt*
— Fdal tal-*Bismuth*
— Fdal tat-Titanju
— Fdal taż-żirkonju
— Fdal tal-*manganese*
— Fdal tal-ġermanju
— Fdal tal-*Vanadium*
— Fdal tal-*hafnium, indium, niobium, rhenium* u *gallium*
— Fdal tat-torju
— Fdal ta' ħamrija rara

B1020 Fdal tal-metall nadif u mhux ikkontaminat, inklużi ligi, f'forma kompleta (folji, pjanċi ta' l-azzar, eċċ.)
— Fdal ta' antimonju
— Fdal tal-berrillju
— Fdal tal-kadmju
— Fdal taċ-ċomb (ħlief batteriji taċ-ċomb u ta' l-aċidu)
— Fdal tas-selenjum
— Fdal tat-tellurjum

[1] 'Skadut' ifisser mhuż użat fil-perjodu rakkomandat mill-fabbrikant.

B1030 Metalli refrattoriċi li jikkontienu residwi

B1040 Fdal ta' assemblaġġi mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku mhux kontaminat b'żejt ta' lubrikazzjoni, PCB jew PCT li jagħmilhom perikoluż

B1050 Metall imħallat mhux tal-ħadid, fdal ta' frazzjoni tqila, li ma jikkontienix materjali ta' l-Anness I f'konnessjonijiet biżżejjed biex jeżibixxi karatteristiċi ta' l-Anness III [1]

B1060 Skart tas-selenju u tat-tellurju f'forma metallika inkluża t-terra

B1070 Skart tar-ramm u ta' ligi tar-ramm f'forom li jixterrdu, sakemm ma jikkontienux kostitwenti ta' l-Anness I biżżejjed biex jagħtuhom karatteristiċi perikoluż enumerati fl-Anness III

B1080 Irmied u residwi taż-żingu inklużi residwi minn ligi taż-żingu f'forma li tixtered sakemm ma jikkontienux kostitwenti ta' l-Anness I f'konċentrazzjoni biżżejjed li juru karatteristiċi jew jeżibixxu karatteristiċi perikoluż imsemmija fl-Anness III H4.3 [2]

B1090 Skart ta' batteriji li jikkonformaw ma' speċifikazzjoni, esklużi dawk magħmula biċ-ċomb, bil-kadmju jew bil-merkurju

B1100 Skart tal-metall ikkawżat minn tidwib, *smelting* u mill-irfinar ta' metalli:
— Żingu iebes mhux pur
— Irmixk li jikkontieni ż-żingu:
  — Żingu ggalvaniżżat ta' blata tal-ħaddieda bl-irmixk fuq (>90 % Zn)
  — Żingu ggalvaniżżat ta' blata tal-ħaddieda bl-irmixk taħt(>92 % Zn)
  — Irmixk mill-forom tal-metalll taż-żingu (>85 % Zn)
  — Irmixk taż-żingu ta' blata galvanizzata *hot-dip* tal-ħaddieda (lott) (>92 % Zn)
  — Fdal taż-żingu
— Fdal ta' l-aluminju (jew *skims*) esklużż *slag* mill-melħ
— *Slags* mill-ipproċessar tar-ramm għal iktar ipproċessr jew irfinar li ma jikkontienux l-arseniku, iċ-ċomb jew il-kadmju biżżejjed biex jeżibixxu karatterisiċi perikluż mill-Anness III
— Skart minn kisi refrattoriku, inkluż griġjoli li joriġinaw mit-tidwib tar-ramm
— *Slags* mill-ipproċessar ta' metalli prezzjużi għal iktar irfinar
— *Tantalum* li jkollu *slags* tal-landa b'inqas minn 0,5 % landa

B1110 Assemblaġġi elettriċi u elettroniċi:
— Assemblaġġi elettroniċi li jikkonsistu biss minn metalli jew ligi
